MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 893/2008

**Mary Josephine Magro bħala leġittima rappreżentanti, f' isem u għan-nom ta' wliedha Ion u Ciprion aħwa Magro**

**-vs-**

**Direttur Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-4 ta' Settembru 2008 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

1. Illi permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fl-1 ta' Ottubru 1999 ir-rikorrenti kienet ġiet rikonoxxuta bħala l-omm adottiva ta' żewġt itfal tewmin mir-Rumanija, u ċioe' Ion u Ciprian kunjomhom Iordan, li ġie maqlub mill-awtoritajiet għal kunjom l-esponenti, u ċioe' Magro.

2. Illi r-reġistrazzjoni ta’ l-imsemmija wlied mar-Reġistru Pubbliku bħala persuni adottati (att ta’ adozzjoni) u ċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom hawn annessi bħala MM1, MM2, MM3 u MM4.

3. Illi meta dawn l-ulied ġew jgħixu hawn Malta Ion beda jissejjaħ bl-isem ta’ Frankie u Ciprian beda jissejjaħ bl-isem ta’ Joseph u fil-fatt illum kulħadd jafhom b’dan l-isem.

4. Illi llum l-imsemmija Ion u Ciprian għandhom sbatax-il sena u huma magħrufin minn kulħadd, kemm mill-komunita’ tal-Qala fejn jgħixu flimkien ma’ ommhom, kif ukoll mill-iskola fejn jattendu u anke mid-diversi għaqdiet oħra li huma membri tagħha u mill-membri familjari kollha, mill-ħbieb u minn sħabhom kollha bl-isem ta’ Frankie u Joseph.

5. Illi l-fatt li ż-żewġ ulied tar-rikorrenti huma magħrufin minn kulħadd bħala Frankie u Joseph jinsab ikkonfermat miż-żewġ dikjarazzjonijiet li qed jiġu hawn annessi bħala MM3 u MM4;

6. Illi l-fatt illi huma magħrufa bl-ismijiet ta’ Frankie u Joseph filwaqt illi r-reġistrazzjoni ta’ l-imsemmija wlied mar-Reġistru Pubbliku bħala persuni adottati (att ta’ adozzjoni) u ċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom juru mod ieħor qed jikkawżalhom problemi *stante* illi kull fejn ikun hemm bżonn identifikazzjoni tagħhom huma qed ikollhom kull darba jispjegaw anke lill-persuni mhux familjari tagħhom kif huma kienu ġew adottati u kif illum akkwistaw u huma magħrufa b’isem ieħor.

7. Illi din is-sitwazzjoni qed taffettwahom ħażin u ser taggrava *stante* illi għal kull dokument uffiċjali u anke għall-applikazzjonijiet ta’ l-eżamijiet huma qed ikollhom jipprezentaw dokumenti b’ismijiet li ħadd ma jafhom bihom.

8. Illi r-rikorrenti attriċi tixtieq illi din il-problema tiġi solvuta darba għal dejjem u għaldaqstant qed tintavola

dan ir-rikors u għan-nom ta’ wliedha minorenni tesponi x-xewqa tagħhom quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex uffiċjalment huma jiġu mgħarrfa wkoll fl-isem ta’ Frankie u Joseph u dan billi fir-reġistrazzjoni ta’ l-imsemmija wlied mar-Reġistru Pubbliku bħala persuni adottati (att ta’ adozzjoni) fil-kolonna *“isem u kunjom tal-persuna adottata”* rispettiv tagħhom, kif ukoll fil-kolonna *“isem il-wild”* fiċ-ċertifikat tat-twelid rispettiv tagħhom, jiġi miżjud l-isem *“Frankie”* imbagħad jitkompla *“Ion”* u jiġi miżjud l-isem *“Joseph”* imbagħad jitkompla *“Ciprian”* u l-isem miżjud għandu jkun uffiċjali u jintuża f’kull dokument uffiċjali ieħor.

Għaldaqstant jgħid l-intimat konvenut għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti tordna illi:

(i) fiċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 6147/1991 ta’ binha Ion, fil-kolonna *“isem il-wild”*, kif ukoll fir-reġistrazzjoni ta’ l-istess iben mar-Reġistru Pubbliku bħala persuna adottata (att ta’ adozzjoni) bin-numru ta’ reġistrazzjoni 1193, l-isem *“Ion”* jiġi sostitwit bl-isem *“Frankie Ion”*; u

(ii) fiċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 6146/1991 ta’ binha *“Cyprian”*, kif ukoll fir-reġistrazzjoni ta’ l-istess iben mar-Reġistru Pubbliku bħala persuna adottata (att ta’ adozzjoni) bin-numru ta’ reġistrazzjoni 1192, l-isem *“Cyprian”* jiġi sostitwit bl-isem *“Joseph Ciprian”*, u

(iii) li l-ismijiet hekk mibdula jkunu uffiċjali u jintużaw f’kull dokument uffiċjali ieħor.

Bl-inġunzjoni ta’ l-intimat konvenut li għaliha minn issa qed jiġi nġunt.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta’ l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fl-4 ta’ Diċembru 2008, li permezz tagħha espona:

1. Illi perliminarjament l-okkju tal-kawża għandu jiġi korrett fis-sens li l-azzjoni kellha ssir mill-omm għan-nom tal-minuri konċernati u mhux fil-kapacita' tagħha personali.

2. Illi perliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva li t-talba għandha tiġi korretta *stante* li l-korrezzjoni għandha tintalab fl-Atti ta' l-Adozzjoni oriġinali u mhux fl-estratti li jirreġistraw l-istess adozzjoni.

4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, l-esponent jirrileva illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-esponent li m'għandux ibati l-ispejjeż ta' l-istanti.

5. Illi mingħajr preġudizzju wkoll, jeħtieġ li r-rikorrenti tispeċifika fit-talbiet dedotti fir-rikors ġuramentat in-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Atti ta' l-Istat Ċivili kollha li qed titlob li jiġu korretti, jekk hemm oħrajn, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Tant għandu l-esponent għandu x'jeċċepixxi għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat iż-żidiet fl-atti debitament awtorizzati;

Rat l-affidavits ta' l-attriċi, ta' Joseph Magro, ta' Frankie Magro, ta' Dottor Francis Abela, ta' Mary Buttigieg, tar-Reverendu Arċipriet Joseph Zammit u tar-Reverendu Charles Buttigieg;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar 2009 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* ta' l-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għal korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet ta' l-atti ta' l-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 254 saret debitament.

It-talba attriċi hija ġustifikata mid-dokumenti esebiti. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball u m'għandux ibati spejjeż.

**Għaladqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------